Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.10454 — Omers/Goldman Sachs/Amedes)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2021/C 411/05)

1. Fit-30 ta' Settembru 2021, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— OMERS Infrastructure European Holdings 2 B.V. ("OMERS", in-Netherlands), ikkontrollata minn OMERS Administration Corporation ("OAC", il-Kanada)

— Goldman Sachs Group, Inc. ("Goldman Sachs", l-Istati Uniti tal-Amerka)

— Antin Amedes Holdco GmbH ("Amedes", il-Ġermanja).

OMERS and Goldman Sachs jakkwistaw, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi sħab ta' Amedes kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— OMERS: pjattaforma Ewropea ta' investiment għall-investimenti fl-infrastruttura mill-OAC, fond tal-pensjoni Kanadiż, li tiġġestixxi portafoll globali diversifikat ta' stokks u bonds kif ukoll proprjetà immobbli, infrastruttura u investimenti ta' ekwità privata,

— Goldman Sachs: ditta ta' servizzi bankarji globali għall-investiment, ġestjoni ta' titoli u tal-investimenti,

— Amedes: provvista ta' servizzi ta' laboratorju kliniku fil-Ġermanja, il-Belġju u l-Awstrija, kif ukoll servizzi tal-kura tas-saħħa fil-Ġermanja.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.10454 — Omers/Goldman Sachs/Amedes

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz tal-posta:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË